**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U ERBGĦIN**

**21 TA' FRAR, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **45.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 45.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| | | |
| **45.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 45.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***45.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 45.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kumitat Amministrattiv irċieva email mingħand residenti ta' Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia biex jitneħħa l-bus stop li hemm fit-triq, biex ikunu jistgħu jipparkjaw. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jitlob li l-bus stop jittella aktar lejn il-kantuniera, biex jintrebaħ parkeġġ ieħor. |
| | | |
| 45.3.2 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia semma l-wardens li qed ikunu ta' spiss fir-raħal u qed jingħataw ċitazzjonijiet lill-vetturi li ma jkunux qed jagħmlu ħsara lil ħadd. |
| | | |
| | | |
| 45.3.3 | | Kien hemm qbil li ssir mera temporanja fi Triq Bubaqra minħabba l-ostaklu li qed jagħmel it-tower crane. |
| | | |
| 45.3.4 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li għal din is-sena l-Kumitat Amministrattiv reġa ma ingħatax fondi biex issir attivita' f'Bubaqra. |
| | | |
| | | |
| ***45.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss*** |
| | | |
| 45.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 21 ta' Marzu, 2018 fil-17:30. |

Konfermati, illum ___21___ ta' Marzu, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**